# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju tas-sena 2002.**

**Numru 25**

**Avviz numru 834/00/SM**

**Ibrahim El Masri Mohsen Farouk**

**vs**

**Frankit Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 ta' Gunju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tigi kkundannata:**

**1. Thallas is-somma ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (LM350.00,0) rapprezentanti pagament effetwat permezz ta' cheque intestat lill-istess attur, liema cheque gie abbuzivament u minghajr awtorizazzjoni tal-attur msarraf mill-**

**konvenut, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra legali datata 27 ta' Marzu 2000, u imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-29 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata, bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-konsult, kontra l-attur, li huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-attur kien impjegat bhala mechanic mas-socjeta' konvenuta;**

2. **Illi l-attur qed jippretendi l-ammont minnhu ndikat fl-avviz odjern mis-socjeta' konvenuta ghaliex kellu "claim mill-insurance fuq il-karozza" tieghu, (ara fol 12);**

3. **Illi r-rapprezentant tas-socjeta' assigurattrici sostna bil-gurament li l-flus dovuti hallsuhom lis-socjeta' konvenuta fuq struzzjonijiet ta' l-istess attur peress li nfurmhom li kien ser isewwi ghand l-istess socjeta' konvenuta, (ara fol 20);**

4. **Illi jirrizulta li dan hu l-metodu li normalment tahdem bih is-socjeta' assigurattrici u dan**

jinhareg a bazi ta' dokumentazzjoni intiera, inkluz is-"survey" fuq id-danni li jistghu jkunu subiti;

5. Illi rapprezentant tas-socjeta' konvenuta jsostni li l-attur kien tah struzzjonijiet biex jaghddilu l-flus in dizamina u l-karozza kellu jsewwiha hu;

6. Illi di fatti l-istess rapprezentant kien ghadda l-flus dovuti lill-attur f'zewg rati, wahda ta' mija u disghin Lira Maltin, (LM190.00,0) u l-mija u sittin Lira Maltin, (LM160.00,0), ftit granet wara;

7. Illi in effetti rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta pprezentat lill-attur b'ricevuta ta' l-ammont lilu imhallas izda dan irrifjuta li jiffirmha;

Ikkonsidrat:

Illi ghaldaqstant l-attur naqas jipprova l-allegazzjoni minnhu vantata f'din il-procedura;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess din il-qorti filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet sollevata mis-socjeta' konvenuta tirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjez.

John Farrugia
Deputat Registratur